# AHBARIJIET TA' L-ART IMQADDSA

## LAPIDA TA' QABAR

Il-Mużew ta' Ġerusalem għadu kemm xtara lapida ta' qabar kwadra (35 cm. kull naħa) li fiha mnaqqax diin il-kitba:

| | |
|---|---|
| Lekha hethayith | Hawn ġiebu u qegħdu |
| teme 'Uzziyah | il-għadam ta' Uzzija |
| melekh Yehudhah | re ta' Ġuda |
| wela' le-miftah | La tiftħux! |

Il-kitba hija miktuba bl-ilsien aramajk, u ġiet miktuba bejn is-sena 130 Q.K. u s-sena 70 W.K. Ir-re Uzzija, re ta' Ġuda, miet fis-sena 734 Q.K.

Sal-1967 din il-lapida kienet tinsab fil-Mużew Russu tal-Għolja taż-Żeb-Żebbuġ fil-Palestina. Fil-gwerra tal-1967 ġiet meħuda fil-U.S.A., mnejn reġgħet lura f'Ġerusalem wara li tħallset somma kbira ta' flus.

## SEJBA RUMANO - LHUDIJA TAS-SENA 70 W.K.

Sejba tassew kbira u ta' importanza ġrat dawn il-jiem fil-kwartier lhudi ta' Ġerusalem mill-Prof. Naħman Avigad. Waqt li kienu qegħdin iħaffru biex jitfgħu s-sisien ta' bini ġdid, 9 piedi taħt it-triq inkixfu l-fdal ta' ħanut li kien inħaraq waqt il-gwerra rumano-lhudija tas-sena 70 wara Kristu. Il-ħanut misjub x'aktarx kien iservi ta' spiżerija għax iċ-ċaqquf u l-ftit fuħħar misjub jagħtu 'l wieħed x'jifhem li kienu jservu għall-fwejjaħ u l-ungwenti. Sidu seta' kien xi wieħed għani, għax waħda mill-iskrizzjonijiet misjuba ġġib l-isem ta' "Bar Katros", li, skond it-Talmud, huwa isem ta' familja saċerdotali. Barra minn dan instabu wkoll klamar bħal dawk misjuba f'Qumran u żekka biex wieħed jagħmel il-flus. L-eqdem munita li nstabet hija dik tas-sena 67 W.K. u hija waħda minn dawk il-muniti li l-Lhud stampaw fit-tieni sena tar-rewwixta tagħhom kontra r-Rumani. Dnub li t-taħfir ma jistax, għallinqas għal issa, ikompli sejjer minħabba li fil-qrib hemm korp ta' bini li ma jistax jitwaqqa' kif ġie ġie.

## MONS. ALBERTU GORI

Il-Patrijarka latin ta' Ġerusalem, il-Beatitudini tiegħu Mons. Albertu Gori, għalaq tmenin sena. Kien Kustodju tat-Terra Santa qabel ma sar Patrijarka. Nifirħulu u nixtiqulu għomor twil biex ikompli jaħdem, kif ħadem s'issa għall-ġid ta' dina l-kbira u mqaddsa missjoni.

# AHBAR TA' NIKET



Għalkemm fuq il-qalb u b'sogħba kbira, ikollna nagħtu lil qarrejja tagħna l-bxara ta' niket kbir li l-Wisq Reverendu Patri Nikol Magro O.F.M., "Ta' Ġeżu", Kumissarju tat-Terra Santa u Fundatur ta' dan il-Qari, MA GĦADUX MAGĦNA! Miet, wara marda qasira, qrib nofs il-lejl tas-17 ta' Frar, fl-Isptar tal-"Blue Sisters", Tas-Sliema.

Għalhekk, lil dan il-Patri, xiħ imma fuq ruħu, u dejjem ferħan, ma narawhx aktar f'din id-dinja! Aħna, li konna ħbieb u midħla tiegħu, u nafuh mill-qrib, indumu żmien twil, jew nibqgħu tul għomorna, niftakru fih u nħossu t-telfa tiegħu. Imma hemm ħaġa li ssabbarna: it-tama kbira li Patri Nikol diġà qiegħed fis-sema jithenna bid-dehra t'Alla. Aħna li nafuh sewwa, nafu kemm kien jaqdi dmiru tajjeb u minn qalbu ta' Nisrani u ta' Saċerdot, b'kull reqqa u sinċerità. Meta nħossu għafsa ta' qalb għax nixtiequ nkellmuh u ma nkunux nistgħu, għandna nitolbu għalih u nissabbru bil-ħsieb li aktarx li diġà qiegħed fis-sema jitlob għalina.

Għal xi ħadd li ma jafx, ingħidu li Patri Nikol twieled il-Qrendi, dak ir-raħal żgħir imma antik u sabiħ għall-aħħar, li jinsab qrib Ġebel Qim. Twieled fit-28 ta' Ġunju tas-sena 1890. Safa ltim minn missieru meta kien għadu żgħir ħafna, imma ommu rabbiet tajjeb, lilu u liż-żewġ ħutu bniet, daqs l-aqwa mara. Ta' sbatax-il sena daħal mal-Patrijiet "Ta' Ġieżu", għamel in-Novizzjat u pprofessa, u għadda mill-istudji kollha, u kien ordnat Saċerdot fid-19 ta' Diċembru tas-sena 1914 minn idejn Mons. Anġlu Portelli O.P. li dak iż-żmien kien Amministratur Apostolku tad-Djoċesi ta' Malta.

Ħsiebu kien mill-ewwel li jaħdem għal Alla bil-qalb u bis-serjetà, għal hekk ftit wara li ħa l-Quddiesa, telaq lejn l-Eġittu għal Missjoni ta' hemmhekk, fejn għamilha ta' Viċi-kappillan l-ewwel fil-Parroċċa ta' Santa Katarina ta' Lixandra, imbagħad fil-Parroċċa l-oħra ta' Santa Marija tal-Kajr. Ftit wara li waqfet l-ewwel Gwerra Kbira (tal-1914-1918), Patri Nikol mar jistudja Ruma, fil-Kulleġġ Internazzjonali tal-Ordni Franġiskan, fejn fl-1925 wara tliet snin ta' studji laħaq Lettur Ġenerali tat-Teoloġija.

Minn Ruma raġa' lejn Malta u s-Superjuri tiegħu żammewh hawn igħallem lin-Novizzi tagħhom, u dam żmien ukoll Prefett tal-Istudji, jiġifieri jagħżel hu x'għandhom jitgħallmu u jara li jitgħallmuh sew. Dan ix-xogħol għamlu hekk tajjeb li kien imfaħħar għalih mis-Superjuri tal-Ordni Franġiskan f'Malta u f'Ruma. F'Settembru tas-sena 1947 wara għoxrin sena ta' tagħlim ħa t-titlu ta' Lettur Ġubilat fit-Teoloġija. Patri Nikol okkupa diversi kariġi fil-Provinċja Franġiskana Maltija. Kien diversi drabi Gwardjan, Definitur u Segretarju Provinċjali.

Fis-sena 1954, meta miet Patri Alfons Attard O.F.M. li kien Kumissarju tat-Terra Santa, Patri Nikol ingħażel Kumissarju minn floku. Kif ħa' f'idejh dan ix-xogħol, mill-ewwel għamel il-ħsieb li jibda joħroġ Rivista tal-Qabar ta' Kristu. Għal hekk sejjaħ lil xi Patrijiet li kien jaf li kienu jafu u jħobbu l-Art Imqaddsa, u lili wkoll (għal kemm jien m'iniex Patri, imma lil Palestina nafha tajjeb, għax għext fiha bosta snin) u talabna ngħinuh fix-xandir ta' din ir-Rivista. Dawn il-Patrijiet għall-ewwel wegħduh li jgħinuh, imma mbagħad telqu kollox, u Patri Nikol qata' qalbu. Jien bqajt dejjem nagħmillu l-kuraġġ u fl-aħħar ġiegħeltu jagħleb il-biża' tiegħu (ara x'kiteb hu stess fuqi fil-ħarġa tar-Rivista ta' Jannar-Marzu, 1962), u ħriġna, aħna t-tnejn biss, din ir-Rivista. L-istorja kollha ta' kif bdiet toħroġ, ktibtha jien, u tinsab stampata fil-faċċati 5 u 6 tal-għadd wieħed (Jannar-Marzu) tas-sena 1957.

Nhar il-Ħammiem, fis-6 ta' Jannar tas-sena 1965 Patri Nikol għamel il-Festa ta' Egħluq il-Ħamsin sena minn meta kien ordnat Saċerdot. Għal din il-Festa tal-Familja Franġiskana ta' Malta, ħadru wisq Patrijiet u qraba tad-demm tal-Patri Nikol u għadd kbir ta' ħbieb tiegħu. Kif saret dil-Festa miktub fit-tul fil-ħarġa tar-Rivista ta' April-Ġunju, 1965, faċċata 62, għal min jixtieq jaqraha. Kienet l-aħħar Festa ta' ħajtu!

U issa l-Patri Lettur Nikola Magro, ħalliena! Ma narawx wiċċu iżjed fuq din l-art! Ma nisimgħux aktar kliemu! Imma t-tifkira tiegħu tibqa' dejjem f'moħħna, u l-qima tiegħu dejjem f'qalbna. U meta nfittxuh u ma nsibuhx, nerfgħu ħsiebna lejn is-Sema u nissabbru meta niftakru li għandna għal fejn nemmnu li hemm issa tinsab ruħ oħra ta' ħabib tagħna li titlob għalina; u fuq it-turija tiegħu nagħmlu x-xogħol tagħna kollu bil-qalb, bil-galbu u bis-sinċerità, għal Glorja akbar t'Alla u għal ġid aktar ta' għajrna.

LURET CUTAJAR.

21 ta' Frar, 1970.

# REQUIESCANT IN PACE

*Nixtiequ li l-imseħbin tagħna jitolbu għar-ruħ għażiża ta' dawn li ġejjin, li telqu minn din id-dinja qabilna, u li nleshom jixtiequna niftakru fihom fit-talb tagħna.*

MOSTA — Domenica, u Salvu Zammit, Antonia, Manannі u Giuseppe Zahra, Georgia, Paolo, Giuseppe u Vittoria Buhagiar, Maria Teresa u Filippu Zahra, Carlo, Toni, Francesco Saverju, Carmela u Lazzru Camilleri, Evangelista u Francesco Azzopardi, Agata Azzopardi, Maria u Toni Micallef, Stella Cilia, Grazia u Salvu Żahra, Karmni, Margerita, Pietru, Antonio Grech, Karmni, Filomena u Paolo Vella, Francesco, Cecilia, Toni, Giuseppi u Karmnu Muscat, Filomena Spiteri, Adriana Buhagiar, Francesco Sammut, Serafina, Ester, Giuditta, Rebecca D'Emmanuele, Paolo Azzopardi, Veneranda u Joseph Vella, iz-zija Tereża, Assuero, Natale u Natalizia Zammit, Salvina, Maria, Elena, Gaetana, Lourdes u Publia DeGiovanni, Felice Matrenza, Pacifico u Grazia Fenech, Spiridione u Antonio Camilleri, Salvatore, Publio, Nicola, Filippo u Alba Serafini, mejtin Familja Bartolo, Fortunata, Salvatore Dimech, Salvatore Stellini, Giorgio u Grazia Spiteri, Bonaventura, Pacifico, Fortunato, Luigi

u Stella Magro, Giorgina, Caterina, Giovanna, Annunziata, Emmanuela u Connie Saliba, Carmelina, Stella, Caterina, Silvia Camenzuli

LUQA: — Emmanuele Grogan; Lorenza Cardona: Beatrice, Lorenza, Giuseppina, Serafina u Giuditta D'Emmanuele; Vincenzo Cardona; Lorenza, Maria u Giammaria Cardona; Giuseppina, Georgia, Annunziata, Carmela, Silvia, Giuditta u Lorenza Busuttil; Tessie, Rita, Lorenza, Ruth u Giuditta Cassar; Emmanuela, Carmela, Connie, Lorenza Camenzuli; Giuseppe, Vittorio, Alessio, Serafino, Giovanni, Caterina u Teresa Muscat; Vittoria, Lucia, Doris, Elisabeth u Marylin Ferris; Carmelo, Caterina, Jane u Francesco Buhagiar; Carmelo u Giovanna Formosa; Agnese, William, Robert u Henry Booker.

SAN PAWL IL-BAĦAR: — Jany u Carmelo Tanti, Kitty, Carmelo u Frank Bonello; Marietta Meli; Elena Cassar; Assuero, Cristiano u Emmanuele Catania; Giuseppina, Serafina u Filomena Camenzuli; Maria Assunta, Mananni u Cettina Fsadni; Valentina, Connie u Amalia Buhagiar; Alice, Evelina, Nelly u rosina Aquilina; Alfredo, Willie, Edgardo, Ġanni u Ġużepp Xuereb; Vittorina, Amabile, Annunziata, Salvina u Salvatore Agius.

VALLETTA (San Duminku): — Giovanni Buhagiar, Maria Vella, Caterina Cordina, Emmanuela Piscopo, Hilda Cordina, Giovanni, Michele, Giuseppi u Filomena Micallef.

SANTA VENERA: — Agostino Vella, Mansueto u Filippo Catania, Giuseppe, Francesco u Emmanuela Micallef, Assuero, Giuditta u Carmelo Cordina, Giuseppina, Annunziata u Filippo Tanti, Giuseppina, Alice u Domenico Chetcuti.

MSIDA: — Remigio, Tommaso u Maria Assunto Mifsud, Giuseppe, Emmanuele, Dionisio u Emmanuela Mintoff, Giovanni, Spiridione, Giorgio Cordina, Annunziata, Emmanuela, Mananni u Giorgio Mifsud, Caterina, Dolores, Giovanna u Antonio Ferris, Ivon, Giuditta, Edgar u Serafino Galdes, Gulielmo, Geraldo, Valentino u Giuseppe Tanti, Emamnuele Buhagiar, Aristide, Giovannina u Francesco Micallef, Dionisio, Remigio u Agata Sant, Concetta, Dolores, Annunziata u Salvatore Buhagiar

QRENDI: — Concetta Magro, Serafina D'Emmanuele, Giorgio, Caterina u Giuditta Magro, Matteo, Bartolomei u Serafina Saliba, Gina u Mary Buhagiar, Carmelo, Giovanni u Dolores Bartolo, Lourdes u Maria Magro, Giuditta u Carmelina Cordina, Alessio, Samuele, Girolamo, Carlo u Gaetana Fenech, Michele, Carlo u Emmanuele Gerada.

FLORIANA: — Publio Caruana, Paola, Filippa, Gaetana u Salomone Vella, Giuseppina, Caterina, Publio, Melita u Salvatore Cuschieri, Amerilda, Rita, Hilda, Emmanuela u Serafino Galea, Orinda, Giuditta, Ruth, Salvina u Aaronne Buttigieg, Girolamo, Annunziata, Emmanuela, Serafina u Bernardo Caruana, Michele, Bernardo, Pietro Paolo, Giovanni, Diego, Ivonne u Salvina Portelli, Lucia, Agata, Agnese, Rita, Arturo u Norberdo Vincenti, Giovanni, Silvio, Vincenza u Salvatore Dimech, Paolo, Giuseppe, Salvino u Nicolina Barbaro Sant, Mary, Elena, Eleonora, Carmela u Giuditta Zammit Hammet.

QALA (GĦAWDEX) — Vittoria DeBrincat, Maria Antonia DeBrincat, Giuseppa Spiteri, is-Sur Mifsud (missier iz-zelatriċi tal-Qabar ta' Kristu, Assunta Mifsud).

*Min-naħa tagħna nixguraw lil qrabathom li l-erwieħ ta' dawn il-mejtin għeżież ikollhom dejjem sehem mill-quddies li jitqaddes fuq il-Qabar ta' Kristu.*